FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA ' AWISSU 2016

Il-Pulizija

Spettur Maurice Curmi

vs

John Paul Charles Woods

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 2004880P akkuzat talli;

1. fit-08 ta' Gunju 2015, ghall-habta tas-0700 ta' filghaxija, f'San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Josephine Cassar, detentrici tal-karta tal-identita' numru 144271M, skond kif iccertifika it-Tabib Mauro Sacco MD ( reg no 5568), tal-Isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati(Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li minbarra tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 50, 214, 218, 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mill-lum. Tordna wkoll l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat ghall-perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u l-protezzjoni tal-parti leza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat